15 ta' Ġunju, 1953

Imħallfin :

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.;

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Edward Louis Galea et. *versus* Avukat Dr. Edoardo Vassallo ne.

**Appell — Digriet ta' Deżerzjoni — Nullità — Riappuntament — Depożitu — Ġudikat — Art. 207 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Meta tiġi msejħa l-kawża u ma jidherx l-appellant u lanqas id-difensur tiegħu, il-Qorti tista' tiddikjara b'digriet id-deżerzjoni ta' l-appell. Dak id-digriet m'huwiex null billi l-appellant ma jkunx deher minħabba mard. Għax il-liġi, meta tagħti lill-Qorti din il-fakoltà, ma tagħmel ebda distinzjoni; u lill-appellant tagħtih ir-rimedju kontra din id-deżerzjoni, billi tagħtih il-fakoltà li jitlob ir-riappuntament tal-kawża mingħajr ebda neċessità li jiġġustifika n-nuqqas ta' dehra tiegħu meta ġiet imsejħa l-kawża.*

*Iżjed u iżjed l-appellant ma jistax jattakka bħala null dak id-digriet jekk huwa jkun talab ir-riappuntament tal-kawża; għax min jitlob ir-riappuntament implicitament jirrikonoxxi d-deżerzjoni.*

*Jekk imbagħad id-digriet tad-deżerzjoni jkun ġie mpunjat b'ċitazzjoni fuq il-motiv addott f'dik iċ-ċitazzjoni u "għal kull motiv ieħor validu fil-liġi", u d-digriet f'dik iċ-ċitazzjoni ma jkunx ġie annullat, hemm raġuni oħra għaliex dak id-digriet ma jistax jiġi mpunjat, u jiġi l-ostakolu tal-ġudikat li bih ġiet riġettata t-talba tan-nullità*

*tad-digriet; u dan aċċolja l-kawżali li tiġi addotta in segwitu ma kienetx issemmiet fiċ-ċitazzjoni preċedenti.*

*L-ispejjeż li ssemmi l-liġi għar-riappuntament ta' kawża dikjarata deżerta huma dawk kaġunati bin-nuqqas ta' dehra ta' l-appellant, u mhux il-garanzija jew depożitu li jakkompanjaw il-petizzjoni ta' l-appell.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-atturi ppremettew illi fil-kawża pendenti quddiem dina l-Qorti ta' l-Appell bejn il-kontendenti in nomi invertiti, l-istess Qorti, b'digriet tas-27 ta' Ottubru 1952, iddikjarat deżert l-appell interpost mill-atturi, fuq il-motiv illi meta ġiet kjamata l-kawża ma dehrux l-appellanti Galea u Debono u lanqas id-difensuri tagħhom, u dan għan-norma tad-dispost fl-art. 207 (3) Kodiċi Proċedura; illi fis-27 ta' Ottubru 1952 l-attur Edward Louis Galea kien marid fis-sodda u ma setax jidher il-Qorti, kif jirriżulta miċ-ċertifikat mediku tal-5 ta' Marzu 1953, eżibit a fol. 18 taċ-ċitazzjoni nru. 1 ta' l-1953, pendenti quddiem din il-Qorti fl-ismijiet "Galea vs. Dr Vassallo ne.", u kif jiġi ulterjorment pruvat durante t-trattazzjoni tal-kawża; u illi b'rikors preżentat mill-atturi Galea u Debono fit-28 ta 'Ottubru 1952 (fol. 67 taċ-ċitazzjoni nru. 350 ta' l-1950 pendenti quddiem dina l-Qorti fl-ismijiet "Dr. Vassallo ne. vs. Edward L. Galea et.") l-atturi talbu illi l-kawża fl-ismijiet "Dottor Edoardo Vassallo ne. vs. Edward Lewis Galea et.", ġà dikjarata deżerta, tiġi rimessa fil-lista għat-trattazzjoni u sentenza, u dina l-Qorti, fuq dan ir-rikors, laqgħet it-talba, u b'digriet tat-28 ta' Ottubru 1952 appuntat il-kawża għall-24 ta' Novembru 1952; u billi in kawtela ta' l-ispejjeż ta' l-appell interpost mill-attur Tommaso Debono hemm depożitu ta' £14, kif jidher a fol. 51 ta' dak il-proċess, u in kawtela ta' l-ispejjeż ta' l-appell interpost mill-attur Edward Lewis Galea hemm il-garanzija personali u solidali ta' l-Avukat Dr. Antonio Caruana, kif jirriżulta a fol. 50 ta' l-istess proċess, kawtela li ma ġietx rifjutata la mir-Reġistratur ta' dawn il-Qrati u lanqas mill-appellati; u talbu li, mingħajr preġudizzju viċendevoli ta' l-infraskritti domandi, (1) jiġi dikjarat inattendibili d-digriet mogħti minn dina l-Qorti fis-27 ta' Ottubru 1952; (2) u f'każ li f'mod jew ieħor ma tiġix akkolta dina l-ewwel domanda, li jiġi dikjarat illi l-atturi, bid-depożitu u kawtela msemmijin iżjed il-fuq ottemperaw għad-

dispost ta' l-art. 207 Kodiċi Proċedurali. Bl-ispejjeż u bl-interpellazzjoni lill-konvenuti biex jidhru għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine, li fiha qal li l-ewwel domanda għandha tiġi respinta, peress li d-digriet ta' din il-Qorti tas-27 ta' Ottubru 1952 ġie mogħti skond it-termini ta' l-art. 207 (3) tal-Kap. 15 Ediz. Riv., u kwantu għat-tieni domanda eċċepixxa r-"res judicata", peress li n-nullità tar-riappuntament ġiet deċiża bis-sentenza tas-27 ta' April 1953, mogħtija fil-kawża "Dr. Vassallo vs. Galea", salvi eċċezzjonijiet oħra;

Omissis;

Ikkunsidrat;

L-istanza hija dupliċi, u t-tieni domanda hi subordinata għall-eżitu sfavorevoli ta' l-ewwel domanda;

Bl-ewwel domanda l-atturi qegħdin jimpunjaw bħala irritu u null id-digriet mogħti minn din il-Qorti fis-27 ta' Ottubru 1952. B'dan id-digriet (fol. 65 tal-proċess "Dr. Vassallo vs. Galea et."—ċitazzjoni 350 ta' l-1950) din il-Qorti, peress li, meta ssejħet il-kawża, ma deher la l-appellanti u lanqas id-difensuri tagħhom, iddikjarat deżert l-appell, bl-ispejjeż kontra l-appellanti, skond l-art. 207 (3) tal-Kap. 15. Bit-tieni domanda l-atturi qegħdin jitolbu deklaratorja fis-sens li bid-depożitu li sar mill-appellant Debono, u bil-garanzija mhux rifjutata li pprestа l-appellant l-ieħor Galea, l-atturi ottemperaw ruħhom għad-dispost ta' l-art. 207 (3) Kap. 15. Dan id-dispost hu li, wara li l-kawża tkun deżerta fl-appell, tista' terġa' titqiegħed fil-lista kemm il-darba l-appellant jiddepożita l-ammont ta' l-ispejjeż li jkunu saru minħabba n-nuqqas tad-dehra tiegħu;

Ikkunsidrat, dwar l-ewwel domanda;

L-atturi jippretendu li d-digriet tas-27 ta' Ottubru 1952 kien irritu għax f'dak il-jum l-attur Galea ma setax għak-kawża ta' mard, jattendi fil-Qorti;

Ankorkè, "ex hypotesi", dan kellu jiġi aċċettat bħala fatt pruvat, id-digriet jibqa' l-istess validu; għax il-liġi ma tagħmel ebda distinzjoni, u għalhekk tagħti fakoltà lill-appellant li jitlob ir-riappuntament tal-kawża, bla ebda bżonn li jiġġustifika n-nuqqas ta' dehra, sabiex jiġi rimedjat għall-każijiet li fihom l-appellant, għal raġuni jew oħra, ma jidherx. Għandu

wkoll jiżdied illi l-appellanti għażlu l-vija tat-talba tar-riappuntament, u b'hekk irrikonoxxew il-validità tad-digriet li issa qegħdin jimpunjaw; għax ir-rimedju tar-riappuntament huwa preskritt mill-liġi fil-każ ta' deżerzjoni, u għaldaqstant min jitlob ir-riappuntament ikun qiegħed implicitament jirrikonoxxi d-deżerzjoni;

Hemm anki l-konsiderazzjoni l-oħra illi, b'citazzjoni oħra, numru 1 ta' l-1953 fl-ismijiet "Galea vs. Dr. Vassallo", l-atturi ġa mpunjaw id-digriet fuq imsemmi għar-raġuni li dak inhar tad-digriet l-atturi ma keilhomx l-obligu li jidhru, għax kienu fl-istadju fakoltativ tar-replika, iżda fic-citazzjoni żiedu anki l-kliem "għall-motivi premessi u għal motivi oħra skond il-liġi". Bis-sentenza tagħha tas-27 ta' April 1953 din il-Qorti rrespinġiet it-talba, komprendenti, kif ingħad, "kull motiv ieħor skond il-liġi", u kwindi anki l-motiv dedott il-lum. Xejn ma jiswa li jingħad li r-raġuni miġjuba 'l quddiem il-lum (dik tal-marda ta' l-attur Galea) ma ssemmietx fil-kawża maqtugħa fis-27 ta' April 1953; għax il-ġudikat l-istess joħroġ (ara sent. P.A. "Farrugia vs. Dr. Caruana Mamo", 20 ta' Ottubru 1934, li fiha ġiet citata b'approvazzjoni sentenza tal-Qorti ta' Torino u qalet :— "La cosa giudicata osta a che si sollevino quistioni nuove assorbite dal giudicato divenuto irrevocabile". Infatti, huwa intuwitiv li l-kawżi kienu jsiru interminabili kieku l-istess meritu jiġi riapert ripetutament bl-iskuża ta' xi motiv ġdid;

Għal dawn ir-raġunijiet l-ewwel domanda hija insostenibili;

Kwantu għat-tieni domanda;

Il-garanzija li jsemmu l-atturi fol. 50, u d-depożitu fol. 51 minnhom ukoll imsemmi, jirriferixxi għall-ispejjeż tat-tieni istanza. L-art. 207(3) jirriferixxi mhux għal dawn l-ispejjeż, imma għal spejjeż "oħra" li jkunu kaġunati b'fatt ġdid appartì mill-appell, ċjoè dak ta' nuqqas ta' dehra ta' l-appellant. Għalhekk dik il-garanzija u dak id-depożitu ma għandhomx x'jaqsmu ma' l-osservanza tad-dispost ta' l-art. 207(3) bħala kondizzjoni tar-riappuntament;

Barra minn hekk, hu ċar li bid-deċiżjoni l-oħra li tat din il-Qorti fil-kawża "Dr. Vassallo vs. Galea", ċitaz. 350 ta' l-1950 (fol. 99) il-kwistjoni tal-validità jew le tar-riappunta-

ment ġiet irrevokabilment deċiża, billi ġiet milqugħa l-eċċezzjoni li l-appellanti (l-atturi odjerni) ma ddepożitawx l-ispejjeż skond il-liġi, u ġie dikjarat null ir-riappuntament tal-kawża; u għalhekk hu evidenti li kull kwistjoni tal-validità jew le tar-riappuntament ġiet, skond il-prinċipji fuq esposti, assorbita f'dak il-ġudikat, molto pjù li fin-nota tagħhom fol. 91, preżentata f'dik il-kawża "Dr. Vassallo vs. Galea", l-appellanti rrilevaw ukoll li kienu adempew l-obligu tad-depożitu "per equipollens" bid-depożitu ta' £14 mill-appellant Debono u bil-malleverija prestata minn Galea, u kwindi żgur li din kienet kwistjoni assorbita bil-ġudikat;

Għalhekk tiddeċidi billi tiddikjara li għad-domandi ta' l-atturi josta l-ġudikat fuq imsemmi, ċjoè għall-ewwel domanda dak tas-27 ta' April 1953 mogħti fil-kawża "Galea vs. Dr. Vassallo", ċitaz. 1 ta' l-1953, u għat-tieni domanda dak tas-27 ta' April 1953 mogħti fil-kawża "Dr. Vassallo vs. Galea et.", ċitaz. 350 ta' l-1950; u in konsegwenza, u anki għall-motivi l-oħra fuq imsemmijin, tirrespinġi t-talbiet; bl-ispejjeż kollha kontra l-atturi.